**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 31/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**vs**

**Etienne Buttigieg**
**(ID 421586(M))**

**Illum: 10 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Etienne Buttigieg**, iben Joseph u Lorenza nee` Ciantar, imwieled il-Pieta`, nhar il-15 ta' Settembru 1986, residenti Blokk 'H', Flat 11, Triq il-Lellux, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 421586(M);

Akkużat talli nhar il-Ħadd 24 ta' Awwissu 2008, wara nofs in-nhar, waqt li kien fl-akkwati ta' San Pawl il-Baħar:

1. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess data u għall-ħabta ta' bejn l-4:00 p.m. u l-5.00 p.m., waqt li kien ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Qawra:

2. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra PS 419 Anthony Buttigieg u membri oħra tal-Korp tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

3. U aktar talli waqt li kien taħt arrest tal-imsemmija Pulizija ġewwa l-għassa tal-Pulizija tal-Qawra, ipprova jaħrab minn taħt il-kustodja tal-istess Pulizija, u talli qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa b'Alla u bil-Madonna u talli m'obdiex l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Pulizija Eżekuttiva;

4. U aktar talli fl-istess data għall-ħabta tal- 4:00pm, waqt li kien qiegħed jiġi nterrogat mill-Pulizija Eżekuttiva, ta partikolaritajiet tiegħu foloz u b'hekk fixkel lill-Pulizija Eżekuttiva fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom waqt il-kors tal-investigazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data u wara nofs in-nhar, waqt li kien fl-akkwati ta' San Pawl il-Baħar u Buġibba, saq karozza li ġġib in-numru AAF 038 tal-għamla Renault Megane, mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza tas-sigurta` kontra terzi persuni;

6. U aktar talli fl-istess data u għall-ħabta tal-5:00 p.m., waqt li kien fl-għassa tal-Pulizija tal-Qawra, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lis-Surġent 419 Anthony Buttigieg, akkużah quddiem awtorita` kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li l-imsemmi Surġent kien innoċenti.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta lill-imputat bħala reċidiv peress illi kien diġa` nstab ħati minn din il-Qorti ta' diversi delitti li għalihom kien ikkundannat sentenzi ta' priġunerija, liema sentenzi ma jistgħux jiġu mħassra.

Din il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' kundanna dwar is-sewqan tal-vettura fuq imsemmija, tordna sabiex l-imputat ma jkunx jista' jottjeni ebda liċenzja tas-sewqan oħra għall-perjodu ta' mhux anqas minn sena.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat in oltre illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 2009;

Rat ukoll illi għalkemm l-akkużi nqraw bil-ġurament fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010, eventwalment il-kawża bdiet tinstema' fis-26 ta' Ottubru 2011;

Rat in oltre illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Stephen Cachia**, in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, xehed illi minn riċerka li għamel fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 038, irriżulta illi din hija vettura tal-għamla Renault Megane ta' lewn blu, reġistrata fuq Nicola Gauci, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 326180(M). Iżid jgħid illi din il-vettura kienet ilha reġistrata fuq ismu mit-22 ta' Frar 2006.

   Ix-xhud jgħid ukoll illi in kwantu l-liċenzja tas-sewqan ta' Etienne Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 421586(M), irriżulta illi dan għandu liċenzja kategorija B, li hija liċenzja tas-sewqan ta' vettura normali, liema liċenzja nħarġet fid-29 ta' Diċembru 2008.

   Rigward l-assikurazzjoni fuq l-imsemmija vettura, huwa jgħid illi ma ġiex mitlub illi jagħmel riċerka dwar dan, iżda l-aħħar liċenzja valida tal-vettura kienet dik li skadiet fil-31 ta' Jannar 2007.[1]

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 17 u 18 tal-proċess. Ix-xhud reġa' xehed fis-seduta tat-3 ta' April 2013 u esebixxa Dok. SC (ara a fol. 44 sa 48 tal-proċess).

**In kontro-eżami** huwa reġa' kkonferma illi l-liċenzja tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 038 kienet ilha li skadiet mill-31 ta' Jannar 2007 u jgħid illi fuqha kien hemm madwar għaxart elef ewro (€10,000) f'ċitazzjonijiet. Ma kienx jirriżulta uffiċjalment mal-Awtorita` illi din il-vettura ġiet *scrapped* u qabel dan isir, ikunu jridu jitħallsu liċenzji u multi pendenti.[2]

2. **PS 419 Anton Buttigieg** xehed illi fl-24 ta' Awwissu 2008, għall-ħabta tat-3:20 p.m., PC 442 u PC 1256, stazzjonati l-*Mobile Squad*, talbu l-assistenza tiegħu wara li waqqfu vettura li kienet tidher suspettuża u li fiha kien hemm tliet persuni. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, instabet blokka żgħira suspettata *cannabis*. Tfittxija li saret fuq Clayton Cachia u Alexis Buttigieg, ossia l-persuni l-oħrajn li kienu fil-vettura, irriżultat fin-negattiv. Skont ix-xhud, irriżulta illi l-vettura in kwistjoni, tal-għamla Renault, bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 038, la kienet liċenzjata u lanqas ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni. Il-vettura tħalliet fil-post fejn twaqqfet, mgħassa minn Pulizija *fixed point*.

   Ix-xhud iżid jgħid illi l-imputat ittieħed l-Għassa tal-Pulizija u ttella' fuq sabiex jiġi nterrogat mill-Ispettur Paul Bond. Meta dan talbu d-dettalji tiegħu, l-imputat wieġeb illi kien jismu Nicholas Gauci, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 368180(M) u għalhekk, skont ix-xhud, lill-Ispettur l-imputat tah partikolaritajiet foloz. Fil-fatt irriżulta li l-imputat kien jismu Etienne Buttigieg, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 421586(M). Ix-xhud iżid jgħid illi l-imputat ma riedx jikkopera mal-pulizija u l-Ispettur ordna li jibqa' arrestat.

   Jgħid ukoll illi waqt li huwa kien qiegħed jiskorta lill-imputat mill-uffiċju tal-Ispettur Bond lejn iċ-ċella, l-imputat beda jallega li kien qiegħed jiġi msawwat u li ried iċempel lil missieru u lill-avukat. Meta huwa nforma lill-imputat illi ma kellux dritt la li jcempel lil missieru u lanqas li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, iżda li kellhom jinformaw lil missieru bl-arrest tiegħu, l-imputat beda jipprova jaħrab mill-għassa u fi kliemu, "*kelli nissara naqra mieghu jiena biex inzommu.*"[3] Skont ix-xhud, irnexxielu jżommu u daħħlu fiċ-ċella. Hekk kif kien fiċ-ċella, l-imputat beda jallega li kien ġie msawwat mill-Pulizija. Għalhekk ikompli x-xhud, huwa informa b'dan kollu lill-Ispettur Bond, li da parti tiegħu, ordna li l-imputat jittieħed il-*polyclinic* sabiex jiġi eżaminat minn tabib. It-tabib iċċertifika li l-imputat kellu ħmura f'għonqu u xi feriti superfiċjali fl-għonq. Żied jgħid li l-uniku kuntatt li kellu l-imputat kien miegħu ossia max-xhud, kif ukoll illi "*Ovjament x'hin tkun qed tissara mieghu ghax dan*

[2] Ara x-xhieda in kontro-eżami a fol. 44 sa 46 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 21 tal-proċess.

*prova jahrab mill-ghassa.*"[4] Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar il-każ. Dwar dan il-Qorti tinnota illi filwaqt illi ħdejn il-kliem "*Officer entering report*" hemm indikat PS 300 Alfred Abela, mill-istess rapport jirriżulta wkoll illi dan ġie mdaħħal minn PS 419 Anton Buttigieg.[5]

**In kontro-eżami** PS 419 xehed illi l-għassa in kwistjoni kienet dik tal-Qawra. Jgħid ukoll illi l-imputat kien allega li ġie msawwat mill-Pulizija, filwaqt li jgħid ukoll li kien hu biss li kellu x'jaqsam mal-istess imputat. Jiċħad madankollu li huwa sawwtu. Meta ġie ssuġġerit lilu illi ma kienx minnu li l-imputat ipprova jaħrab u li kien laqat lill-imputat f'wiċċu, huwa jinnega dan u jgħid illi huwa jissoponi illi l-ħmura u l-feriti superfiċjali saru meta hu ssara mal-imputat biex idaħħlu fiċ-ċella, u dan meta prova jaħrab mill-uffiċju tas-Surġent għal barra. Skont ix-xhud, dan sar fil-presenza tal-Ispettur Therese Sciberras, waqt li din kienet qed tkellem lil Alexis Buttigieg, ossia oħt l-imputat. Jgħid in oltre illi huwa ma setax iħalli lil oħtu tidħol ħdejh għaliex dak il-ħin l-imputat kien arrestat. Jiċħad li l-imputat ikkopera meta qal li jismu Nicholas Gauci, b'numru ta' karta tal-identita` differenti minn tiegħu u meta ġie ssuġġerit lilu illi iżjed tard l-imputat ikkopera, huwa jgħid illi sakemm kien preżenti hu, l-imputat baqa' ma kkoperax. Jgħid in oltre illi kienet oħtu li kixfet l-identita` tiegħu meta din ġiet mitkellma mill-Ispettur Therese Sciberras u li kien irriżulta wara illi din kienet oħtu, minn dak li kienet qalet hi stess. Irriżulta wkoll illi Nicholas Gauci kien sid il-vettura. Jgħid ukoll illi huwa lil Gauci ma kellmux, għalkemm ma jafx jekk dan ġiex mitkellem mill-Ispettur Bond. Jiċħad illi kien l-imputat li kien tahom l-informazzjoni dwar il-vettura u li tali informazzjoni huma ottjenewha mis-sistema kompjuterizzata. Gauci ma kienx fuq il-post. Jgħid illi l-imputat ġie investigat fuq pussess ta' sustanza lleċita u dwar sewqan mingħajr liċenzja u mingħajr polza ta' assikurazzjoni. Skont hu, il-vettura nstabet fit-triq u allura ma kellux għalfejn ikellem lil sidha. Sabiex jottjeni l-informazzjoni dwar il-vettura, huwa seta' juża s-sistema kompjuterizzata u ma kellux għalfejn jibgħat għal sid il-vettura. Jgħid ukoll illi mis-sistema rriżulta illi l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura ma kinitx imħallsa. Jikkonferma illi l-vettura ngħatat lura lil sidha, iżda ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk inħarġux akkużi fil-konfront ta' sid il-vettura.[6]

3. **PC 442 Gary Scerri** xehed illi fl-24 ta' Awwissu 2008, waqt li kien fuq ronda flimkien ma' PC 1256 Simon Schembri, għall-ħabta tat-3:20 p.m., lemħu vettura li kienet tidher kemmxejn suspettuża, stante li din kienet fi

[4] A fol. 22 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 29 sa 31 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 20 sa 28 tal-proċess.

stat ħażin, u hekk kif għamlu l-verifiki mal-*Control Room*, irriżulta illi din la kellha assikurazzjoni u lanqas liċenzja mħallsa. Għalhekk huma għamlu sinjal lix-xufier sabiex jieqaf. Jgħid illi fil-vettura kien hemm tliet persuni, fosthom l-imputat, illi qalulhom li kienu ser jagħmlulhom tfittxija, u waqt illi l-kollega tiegħu kien qed jagħmel tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, fil-but tan-naħa ta' wara, huwa sab sustanza suspettata raża tal-*cannabis*. Huma nfurmaw b'dan lill-Għassa tal-Qawra u fuq il-post mar PS 419, li kompla bl-investigazzjonijiet. Ix-xhud jgħid illi sakemm kien fit-triq – Triq Patri Guże` Calleja - u ttieħed l-għassa, l-imputat ikkopera magħhom. Jgħid illi huma ħallewhom fl-għassa u telqu.[7]

4. **PC 1256 Simon Schembri** xehed illi fl-24 ta' Awwissu 2008, għall-ħabta tat-3:20 p.m., raw vettura Renault Megane bin-numru AAF 038, li kienet fi stat ħażin u ddeċidew li jwaqqfuha. Jgħid illi hekk kif waqqfuha, għamlu l-verifiki mal-*Control Room* u rriżulta li din la kellha liċenzja u lanqas kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni. Jgħid illi huwa talab lix-xufier sabiex jinżel mill-vettura għaliex deher daqsxejn suspettuż. Talbu biex jiftaħ il-*luggage booth* fejn instabu inkwatru u xi affarijiet tad-dar, kif ukoll basket b'affarijiet relatati mad-*diving*. B'kollox kienu tliet persuni, żewġ ġuvintur u tfajla. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, fil-but ta' wara, instabet borża b'sustanza. Jgħid ukoll illi huma nfurmaw lill-Għassa tal-Qawra b'dan u marru pulizija mill-istess għassa fuq il-post. Huwa jżid jgħid illi l-imputat ikkopera magħhom fis-sens illi huwa għamel dak kollu li ġie mitlub minnu u dan fis-sens illi hekk kif waqqfuh, huwa waqaf, u hekk kif talbu biex jinżel mill-vettura, huwa niżel.[8]

5. **PC 1350 Christian Xuereb** xehed illi fl-24 ta' Awwissu 2008, huwa kien dettaljat bħala xufier fl-Għassa tal-Qawra. Għall-ħabta tat-3:20 p.m. kienu ġew infurmati illi PC 1256 Schembri u PC 442 Scerri kellhom bżonn l-assistenza għaliex kienu waqqfu vettura li fiha kien hemm tliet persuni u li minn tfittxija li saret, instabet biċċa suspettata raża tal-*cannabis*. Għalhekk huwa mar fuq il-post flimkien ma' PS 419, fejn sabu lil Clayton Cachia, lil Alexis Buttigieg u lill-imputat viċin il-vettura tal-għamla Reanult bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 038, ipparkjata f'kantuniera fuq *double yellow line*. Irriżultalhom li l-vettura ma kellhiex liċenzja u lanqas ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni dwar terzi persuni. Fil-bagoll tal-vettura nstabu nkwatru, u basket li kien fih xi oġġetti relatati mad-*diving*. Huwa baqa' *fixed point* mal-vettura sakemm din ġiet irmunkata minn *low loader* tal-Pulizija u ttieħdet quddiem l-Għassa tal-Qawra. Fil-frattemp PS 419 ħa lill-imputat u lit-tfajla ġewwa l-istess għassa.

[7] Ara din ix-xhieda a fol. 32 sa 34 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 35 sa 37 tal-proċess.

**In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi huwa ma kienx involut fl-investigazzjoni li saret wara. Ma jafx li l-imputat sofra xi ġrieħi u PS 419 ma kienx kellmu dwar dan, għaliex xogħlu kien iżjed fuq barra. Jgħid illi ma tkellmux fuq l-inċident.[9]

6. **L-Ex Spettur Paul Bond** xehed illi fl-24 ta' Awwissu 2008, huwa kien stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Qawra. Għall-ħabta tal-4.00 p.m., huwa ġie nfurmat minn PS 419 Anton Buttiġieġ li ftit tal-ħin qabel, pulizija mill-*Mobile Squad* kienu raw lill-imputat isuq karozza b'mod negliġenti u waqqfuh. Is-sewwieq irriżulta li kien l-imputat odjern. Talbuh sabiex jagħmlu tfittxija għax issusspettaw ħażin u sabulu sustanza suspettata raża, liema sustanza huwa esebiha waqt din ix-xhieda.

   Jgħid illi l-imputat ġie mgħoddi lilu sabiex jinvestiga l-każ. Jgħid illi l-imputat gideb miegħu meta qallu li kien jismu Nicholas Gauci u tah partikolaritajiet foloz. Jgħid in oltre illi huwa ħadlu stqarrija wara li tah is-solita twissija skont il-liġi, u dan fil-presenza ta' PS 419 A. Buttigieg. Jgħid ukoll illi l-imputat ingħata l-fakulta` li jagħmel kuntatt mal-avukat tiegħu sabiex jottjeni parir, kif fil-fatt għamel.[10] L-imputat irrilaxxja stqarrija għall-ħabta tal-4.00 p.m., liema stqarrija ġiet esebita mix-xhud.[11] Jgħid illi sussegwentement irriżultalu illi dan ma kienx Nicholas Gauci u illi l-imputat qallu hekk stante li kien b'vettura li kienet tgħajjat lil Gauci u illi huwa ma kellux liċenzja u polza ta' assikurazzjoni. Jgħid ukoll illi huwa reġa' kellem lill-imputat fil-31 ta' Awwissu, u dan għaliex kien ġie elevat ukoll *laptop*, li wara rriżulta li kien tal-imputat u ngħata lura lilu. Huwa ħadlu stqarrija oħra fl-istess jum, din id-darba fil-presenza ta' PC 210 S. Lagrasta u dan wara li l-istess imputat ingħata s-solita twissija u ottjena parir legali.[12] Din l-istqarrija ġiet esebita mix-xhud bħala Dok. PB 2.[13]

   Ix-xhud jgħid illi dakinhar waqt l-arrest tal-imputat, huwa sema' ħafna għajjat fl-għassa, li huwa niżel u sema' lill-imputat jidgħi b'Alla u bil-Madonna. Dan qallu li PS 419 Anton Buttigieg kien sawwtu. Huwa staqsa lil PS 419 kienx sawwtu, iżda dan ċaħad u qallu li hu kien żamm lill-imputat minn għonqu għaliex prova jaħrab. Huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi eżaminat minn tabib u rriżulta li dan kien ġarrab ġrieħi ħfief f'għonqu. F'dan ir-rigward, ix-xhud esebixxa ċertifikat mediku maħruġ

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 39 sa 42 tal-proċess.
[10] Dwar dan, il-Qorti tinnota illi fiż-żmien in kwistjoni fil-liġi Maltija ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt ta' persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha.
[11] Ara Dok. PB 1, a fol. 76 u 77 tal-proċess.
[12] Dwar dan il-Qorti terġa' tagħmel l-istess osservazzjoni illi għamlet iżjed 'il fuq.
[13] Ara a fol. 78 u 79 tal-proċess.

fil-konfront tal-imputat nhar l-24 ta' Awwissu 2008.[14] L-istess xhud esebixxa wkoll żewġ sentenzi fil-konfront tal-imputat għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva[15] u riċevuta tal-*laptop* li huwa kien irritorna lura lill-imputat.[16]

**In kontro-eżami** huwa kkonferma illi fil-vettura kienu nstabu wkoll numru ta' oġġetti li wara rriżulta li kienu proprjeta` ta' Nicholas Gauci u ġew ritornati lilu. Skont hu, l-imputat ġie mwaqqaf għaliex kien qiegħed isuq b'mod negliġenti. Meta nstabu l-oġġetti fil-vettura saret investigazzjoni dwarhom, iżda ma rriżultax illi dawn kienu misruqa. L-istorbju li rrefera għalih waqt ix-xhieda tiegħu seħħ waqt li l-imputat kien ser jitniżżel il-*lockup*. Jista' jkun li kien diġa` kellmu dak il-ħin la kienu neżlin bih. Jinnega li l-imputat ġie msawwat fl-uffiċju tiegħu u jgħid illi meta huwa kellem lis-Surġent dwar l-allegat swat, dan qallu li l-imputat prova jaħrab miċ-ċella, prova jaqbeż il-bank u hu żammu minn għonqu. Jgħid illi huwa ma mexxiex kontra s-Surġent, għax skont hu, jekk kien jiftakar sew, ġie mitkellem minn ħaddieħor. Jgħid illi l-imputat ġie interrogat minnu fil-presenza ta' PS 419 u tal-Pulizija ndikati fl-istqarrija, għalkemm wara jżid isemmi lil PC 210 Saviour Lagrasta. L-inċident seħħ meta l-imputat kien qed jitniżżel isfel mill-uffiċju tiegħu ossia waqt li kien nieżel it-taraġ u fil-kuritur, meta hu ma kienx preżenti. Ħadd ma refa' jdejh fuq l-imputat fl-uffiċju tiegħu. Jgħid illi l-imputat ma kkoperax għax gideb miegħu billi tah partikolaritajiet foloz u dan fil-presenza tas-Surġent. Jinnega li żammu arrestat għax ma emminx illi l-*laptop* kien tal-istess imputat, u jgħid illi ġie arrestat għax instab fil-pussess tad-droga, għalkemm wara jgħid ukoll illi l-istess imputat inżamm arrestat għax huwa kompla jinvestiga dwar l-affarijiet l-oħrajn li kienu sabu u stante li wara rriżultalu li l-vettura ma kinitx tal-imputat u ried jara kinitx misruqa. Fil-fatt irriżultalu li din kienet ġiet mislufa lill-imputat u illi l-vettura verament kienet ta' Nicholas Gauci, tant li rritornalu l-vettura bl-oġġetti li kien hemm fiha. Wara ried ikompli jinvestiga fuq il-*laptop* u l-imputat tah l-irċevuta. Gauci qallu li l-vettura kien sellifha lill-imputat. Ma jiftakarx li nħarġu xi akkużi fil-konfront ta' Gauci, iżda wara jgħid illi jista' jkun li qal lis-Surġent biex joħroġ l-akkużi u x'għamel is-Surġent, huwa ma jafx.

Suġġerit lilu illi l-istorja tant kibret illi l-imputat ġie offrut għall-ewwel €700, imbagħad €600, biex jgħid illi kien hu li agredixxa lil PS 419, huwa jgħid illi dawn l-allegazzjonijiet kienu nfondati u illi huwa ma kien jaf xejn dwarhom. Jinnega dak suġġerit lilu illi huwa kien involut ukoll f'din il-kwistjoni. Reġa' spjega li dakinhar meta sema' l-għajjat u d-dagħa, huwa

[14] Ara a fol. 80 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 81 u 83 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 86 tal-proċess.

niżel jara x'kien qiegħed jiġri u dak il-ħin, l-imputat qallu li kien ġie msawwat minn PS 419 Anton Buttigieg, li qallu li prova jaħrab u li kien żammu minn għonqu. Ma kienx ċert jekk is-Surġent kienx ġie mitkellem dwar dan fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, iżda wara jgħid illi kien jaf li PS 419 kien ġie mitkellem dwar l-allegazzjonijiet tas-swat.[17]

Fix-xhieda ulterjuri tiegħu, l-**ex Spettur Paul Bond** jgħid illi huwa xtaq jikkjarifika xi affarijiet għaliex meta xehed ma ftakarx kollox. Wara ftakar xi affarijiet oħra li ma kienx qalhom fix-xhieda tiegħu. Huwa esebixxa r-rapport li kien daħħal PS 419 dwar il-każ in kwistjoni u jgħid illi fih kien hemm kull ma kien ġara. Jerġa' jgħid illi anke skont ir-rapport, il-ġlieda bejn l-imputat u s-Surġent Buttigieg kienet seħħet isfel u mhux fl-uffiċċju tiegħu. Ma kienx minnu illi l-imputat ġie msawwat fl-uffiċju tiegħu. Żied jgħid illi ftakar ukoll illi dakinhar tal-inċident, kienu tellgħulu lill-imputat waħdu, u sakemm PS 419 tela' minn isfel biex tittieħed l-istqarrija, huwa tkellem waħdu fuq il-każ mal-imputat. Jgħid ukoll illi huwa ma setax jieħu passi kriminali kontra PS 419 għaliex sabiex jagħmel dan, kien jeħtieġ li jkollu l-permess mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, apparti li reġa' spjega wkoll iċ-ċirkostanzi dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni. Jgħid ukoll illi lanqas ma kien hemm proċeduri dixxiplinarji fil-konfront ta' PS 419.[18]

7. Mir-relazzjoni esebita mix-**Xjenzat Godwin Sammut**, nominat minn din il-Qorti fil-mori ta' dawn il-proċeduri[19], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella immarkat S/B/784/2013 li fih kien hemm *envelope* ieħor żgħir ta' lewn kannella li fih sustanza ta' lewn kannella u pakkett ta' lewn griż bil-kliem *King Size Smoking Master* li kien fih *smoking paper*.

   Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda illi fuq estratt meħud mis-sustanza ta' lewn kannella, instabet is-sustanza <u>*Tetrahydracannabinol*</u>. Il-piż totali tas-sustanza kien ta' <u>1.71 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka 6%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[20]

   Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-espert jgħid illi huwa kien irtira l-esebit in kwistjoni mill-awla stess, *seduta stante*, fil-31 ta' Jannar 2014. Jgħid illi fuq l-*envelope* kien hemm il-kliem 'Pulizija vs Etienne Buttigieg' u n-numru tal-Qorti SB/784/3013 u li fih kien hemm *envelope* ieħor li fuqu kien hemm il-kliem '*raża tal-cannabis, cannabis sativa found by PC 442 and PC 1256 of Mobile Squad at St Paul's Bay inside vehicle number AAF*

[17] Ara a fol. 61 sa 75 tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda ulterjuri a fol. 92 sa 96 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 59 tal-proċess.
[20] Ara in ir-relazzjoni a fol. 107 *et seq* tal-proċess.

*038 property of Nicholas*' – li l-kunjom tiegħu ma setax jagħrfu – u '*on the 24.08.2008*'. F'dan ir-rigward huwa ppreżenta kopja ta' dan l-*envelope.*[21]

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Etienne Buttigieg** xehed illi fil-jum in kwistjoni, huwa kellu sbatax-il sena. Dak iż-żmien kien jgħix id-dar tal-ħabib tiegħu, Nicholas Gauci. Meta Gauci kien imur ix-xogħol, dan kien iħallilu "*naqra*" ċ-ċavetta tal-karozza sabiex jekk jinqala' xi ħaġa jkun jista' jċaqlaq il-karozza. Dakinhar tal-inċident, l-imputat kien flimkien mal-ħabib tiegħu Clayton Cachia li kellu għoxrin sena u ddeċidew li jmorru dawra bil-karozza. Skont hu, saq Clayton peress li dak iż-żmien huwa kien minuri. Fil-karozza kien hemm ukoll oħtu, Alexis Buttigieg. Saqu sa Buġibba, fejn waqfu jieħdu ġelat. Huwa jgħid illi kellu biċċa *smoke,* ossia raża tal-*cannabis* u ddeċidew li jremblu sigarett biex ipejpuh mat-triq. Jgħid illi dak il-ħin huwa poġġa fin-naħa tax-xufier u waslu l-Pulizija. Skont hu, il-vettura kienet wieqfa. Spjega li l-karozza kien fiha xi daqqiet u li ma tantx kienet f'kundizzjoni tajba. Dak il-ħin, huwa kien ser jagħmel *joint*. Il-Pulizija sabu fuq il-persuna tiegħu r-raża tal-*cannabis*. F'dak l-istadju huwa qal lill-Pulizija illi kien hu li kien qed isuq biex ma tiġix fuq Cachia u ġabru lilu u lil oħtu bil-vettura b'kollox. Fil-vettura kien hemm xi nkwatri, kaxxa tal-*laptop*, għax kien għadu kemm xtara *laptop* u affarijiet oħra, li kienu ta' Nicholas Gauci, sid il-vettura.

   Jgħid illi l-Ispettur Bond, fil-presenza tas-Surġent Buttigieg, riedu jammetti li dawn l-oġġetti kienu misruqin, meta huwa ma kienx jaf b'dawn l-oġġetti, ħlief bil-kaxxa tal-*laptop.* L-Ispettur allega wkoll illi huwa kien seraq *laptop* u baqgħu jgħidulu li huwa giddieb u *junkie.* Skont hu, kellu argument żgħir mas-Surġent, li beda jgħajjat miegħu f'wiċċu u girfu b'subgħajh fi mnieħru. Jgħid illi "*U jien nehhejtlu idejh u tghidx kemm taghni dan. Qabadni minn sidri hekk u beda jigrifni hekk u jaghtini b'hawn bil-minkeb u jsabbatni ma kull hajt li kien hemm*".[22] Dan kollu fil-presenza tal-Ispettur Bond. Jgħid illi dan ħarġu mill-kamra tal-Ispettur, kien hemm taraġ li jagħti għal isfel, u huwa beda jirreżisti għax ma kienx jaf x'kienet l-intenzjoni tas-Surġent. L-Ispettur għalaq il-bieb tal-uffiċju tiegħu u hu iżjed inkwieta. Oħtu sadanittant kienet qed tgħajjat għax bdiet tisma' kollox, u ma ħallewhiex tarah, u żammewha. Jgħid illi dak il-ħin ġietu saħħa barranija, imbotta lis-Surġent Buttigieg u mar jiftaħ il-bieb tal-uffiċju tal-Ispettur Bond u staqsieh jekk hux diġa` kien ħasel idejh minnu. Sadanittant reġa ġie lura s-Surġent Buttieġieġ, li qabdu bis-saħħa u niżżlu ġewwa l-*lock up*. L-imputat jgħid ukoll illi dak il-ħin waqa' l-*mobile* ta'

[21] Ara din ix-xhieda a fol. 103 sa 106 tal-proċess u d-dokument esebit a fol. 113.
[22] A fol. 133 tal-proċess.

oħtu, huwa tbaxxa biex jiġbru, iżda s-Surġent xxuttjalu jdejh bis-*safety shoes*. Minn hawn u minn hemm daħħlu fiċ-ċella, u hu baqa' jitlob għall-Ispettur sabiex iġibulu tabib għax kellu ħmura fuq sidru, grif u anke daqqiet. L-Ispettur mar ikellmu fiċ-ċella, qallu li kellu sidru aħmar għal-liema Bond wieġeb "*u ejja, mhux anke tiegħi aħmar*". L-imputat imbagħad ittieħed il-*polyclinic* tal-Furjana, u t-tabib għamillu ċertifikat li qatt ma ngħata kopja tiegħu. Wara ttieħed il-*lockup* u raqad hemm. L-għada filgħodu s-Surġent Buttigieg reġa' ħadu l-Għassa tal-Qawra. Huwa jgħid illi meta ġie arrestat talab li jċempel lil missieru u lill-familjari biex jgħidilhom li kien taħt arrest iżda ma tħalliex. Ċempel lil tal-familja l-għada mil-*lockup* tal-Furjana. Huwa żied jgħid illi l-Ispettur Bond staqsieh għaliex kien sejjaħ għall-ġenituri tiegħu meta hu stess kien wissieh biex ma jsejjħilhomx. Skont hu, lil missieru ma ħallihx jidħol miegħu fl-għassa. Sadanittant ċempillu Nicholas Gauci, staqsieh x'kien ġara u qallu li kienu ser jirranġaw kollox għax missieru kien jaf lill-Ispettur Bond mill-iskola.

Ikompli jgħid illi Tony Gauci u ibnu Nicholas Gauci daħlu l-Għassa tal-Qawra fejn tkellmu mal-Ispettur Bond. Madwar nofs siegħa wara ħarġu, u telqu bil-vettura. Huwa ddaħħal ġewwa l-ufficcju tal-Ispettur Bond, filwaqt li l-Ispettur Bond ħareġ lis-Surġent 'l barra u sakkar il-bieb tal-uffiċju, iċċekkja l-*mobile phone* tax-xhud u beda jistaqsih diversi mistoqsijiet. Skont hu, l-Ispettur xtaq ikun jaf fejn jaħdmu l-ġenituri tiegħu u qallu li fiċ-ċirkostanzi ma kienx ser ikollu biżżejjed flus sabiex iħallas il-multa li seta' jeħel b'rabta ma' sewqan mingħajr liċenzja. Imbagħad l-Ispettur qallu wkoll illi seta' jirranġalu xi ħaġa biex jeħilsu minn din il-biċċa xogħol u ma jidhirx il-Qorti, u staqsih x'seta' joffrilu. Skont hu, ħalla lill-Ispettur jissuġġerilu somma u fl-aħħar dan semmielu s-somma ta' €600, filwaqt illi talbu biex lil missieru ma jgħidlu xejn minn dan kollu. L-Ispettur Bond qallu li ma kienx ser jitressaq dwar sewqan bla liċenzja, li l-akkużi kienu ser jinħarġu dwar id-droga u li l-imputat offra reżistenza u ġie mwissi sabiex ma jurix iċ-ċertifikat tiegħu ossia dak rilaxxjat mill-*polyclinic* tal-Furjana. Iċ-ċertifikat inżamm mill-Pulizija u qatt ma ngħatatlu kopja tiegħu. Jgħid illi huwa ntalab ukoll sabiex jieħu l-karti li juru li hu kien xtara l-*laptop* u illi l-Ispettur qallu li kien ser iċempillu biex jiġbor il-kaxxa tal-*laptop* u jieħu miegħu l-flus. Żied jgħidlu li kellu erbat iflieles hemm li ried jisqihom.

Jgħid ukoll illi meta ħareġ mill-Għassa, huwa qal b'dan kollu lil missieru, li da parti tiegħu qallu sabiex imorru għand il-Kummissarju tal-Pulizija Rizzo, kif fil-fatt għamlu. L-ewwel tkellmu mas-segretarju tal-Kummissarju, uffiċjal tal-Pulizija, u skont hu, kemm hu kif ukoll missieru rrilaxxjaw stqarrija. Ikompli jgħid illi fil-presenza tal-Kummissarju Rizzo, l-Ispettur Bond ċempillu madwar ħames darbiet, jistaqsih jekk kienx ser

imur jiġbor il-kaxxa tal-*laptop*. Mat-tielet telefonata l-Kummissarju Rizzo qallu illi l-Pulizija kienu ser jagħtuh €600 sabiex huwa jmur bihom għand l-Ispettur Bond. Ittieħdet fotokopja tal-karti kollha tal-flus. Jgħid illi l-Kummissarju Rizzo kien qiegħed jisma' kull telefonata li kienet għaddejja bejnu u bejn l-Ispettur Bond. Dam nofs ta' nhar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sakemm dam għaddej dan kollu. Jgħid illi hekk kif kienu fi triqthom lejn l-Għassa tal-Qawra, akkumpanjati mill-Pulizija, l-imputat irċieva telefonata oħra mingħand l-Ispettur Bond, li qallu li kien qed jipprova jqarraq bih u għalhekk, Bond kien induna b'dak li kien għaddej. Waslu fuq il-post u huwa ntalab sabiex malli jgħaddi l-flus lill-Ispettur joħroġ iħokk rasu b'sinjal li l-flus kienu għaddew. Huwa daħal ġewwa l-għassa, iżda filwaqt illi kull darba li l-Ispettur Bond tkellem miegħu, dan ħareġ lil kulħadd barra mill-uffiċċju, din id-darba huwa żamm fl-uffiċċju miegħu lis-Surġent Buttiġieġ. Huwa beda jaċċenna għall-fatt illi kellu l-flus fuqu, iżda l-Ispettur Bond qallu li kien irċieva telefonata mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li huma kienu familja kbira u ma kienx ser ilaħħaq miegħu. Skont hu, insista ma' Bond li kien mar il-Kwartieri sabiex jirrapporta dwar is-swat u dan fuq insistenza ta' missieru. Bond ma talbux il-flus u reġa' mar lura bihom għand il-Kummissarju. Sussegwentement, inħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Huwa jiċħad li pprova jaħrab. Jgħid ukoll illi huwa kien qalilhom li l-vettura kienet ta' Nicholas Gauci u li huma ħasbu, sforz ta' xi malintiż, li huwa kien Nicholas Gauci. Wara ftit saru jafu bl-identita` tiegħu u ħasbu li hu kien qed jitmejjel bihom, iżda huwa ammetta mill-ewwel min kien. Skont hu, dakinhar huwa lanqas ma saq il-vettura u illi huwa kien mar fuq in-naħa tax-xufier sempliċiment biex jagħmel *joint*, stante li l-affarijiet kienu wara l-*isteering*, meta għaddiet il-karozza tal-pulizija. Il-vettura kienet wieqfa, ipparkjata. Huwa qal li kien qed isuq hu sabiex jipproteġi lil Clayton u anke għaliex Gauci kien ħalla ċ-ċwievet miegħu.

**In kontro-eżami** l-imputat jgħid ukoll illi meta ħareġ mill-għassa tal-Qawra mar Raħal Ġdid u minn hemmhekk intbagħat l-Isptar Materi Dei sabiex isirlu *x-ray*. Jgħid illi ċ-ċertifikati kienu f'idejh, iżda dawn intilfu. Fiċ-ċertifikati kien hemm imniżżel illi kellu ħmura u grif u żied jgħid illi kellu wkoll swidija tal-ħmieġ taż-żarbun tas-Surġent Buttigieg, li kien induna biha t-tabib tal-Furjana.

Huwa spjega illi meta l-Ispettur Bond semmielu l-flus, hu u l-Ispettur kienu waħedhom fl-uffiċċju tal-Ispettur, bil-bieb imsakkar. L-Ispettur kien wara l-iskrivanija waqt li hu kien quddiemha. Sakemm damu jitkellmu ħabbat il-bieb xi tliet darbiet. L-Ispettur fetaħ il-bieb kull darba li ħabbat, iżda fetaħ bil-mod biex ma tinstemax iċ-ċavetta tal-bieb u ma daħħal lil ħadd fl-

ufficċju tiegħu. L-Ispettur beda wkoll jaċċerta ruħu li l-imputat ma kienx qiegħed jirrekordjah bil-*mobile phone*. Kull meta ssemmew il-flus, dejjem kien waħdu fl-ufficċju tal-Ispettur Bond. Meta mbagħad mar bil-flus fuqu, l-Ispettur qallu li hu kien qed jipprova jqarraq bih, tant li l-ufficċju m'għalqux u żamm fl-ufficċju miegħu lis-Surġent Buttiġieġ. Huwa lanqas ma semma' l-flus, għalkemm beda jagħmillu s-sinjali biex jurih li kellu l-flus.

Huwa jgħid illi meta s-Surġent ħarġu mill-ufficċju tal-Ispettur Bond, huwa ma kienx jaf x'kien ser jagħmel bih is-Surġent – skont hu, dan beda jsabbtu u jipprova jniżżlu t-taraġ – u hu ħaseb li kien ser isawwtu, u għalhekk beda jipprova jżommu. Kif imbotta lis-Surġent, mar jiftaħ il-bieb tal-Ispettur kif qal fix-xhieda tiegħu.[23]

2. **L-Ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo** jgħid illi fis-sena 2008 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. Jgħid illi l-isem Etienne Buttigieg "*rings a bell*". Jgħid illi huwa għamel xi verifiki dwar l-isem fid-dawl tal-fatt li ġie mitlub sabiex jixhed, iżda ovvjament ma kellux aċċess għall-*files*. Jgħid illi madankollu, għalkemm għadda ż-żmien, jiftakar li kien mar ikellmu xi ħadd biss ma jiftakarx kienx il-missier, jew l-imputat, inkella t-tnejn flimkien. Jiftakar li dan kien każ fejn ġie allegat li kien hemm talba ta' flus sabiex l-imputat ma jitressaqx il-Qorti fuq ammont żgħir ta' droga. Kienu saru wkoll allegazzjonijiet dwar swat. Jiftakar ukoll illi dawn l-allegazzjonijiet kienu saru fil-konfront tal-Ispettur Paul Bond. Jiftakar ukoll illi bħala Kummissarju tal-Pulizija, huwa kien ħa azzjoni mmedjata u nvolva fil-każ kemm lill-*Human Resources Section,* kif ukoll lit-taqsima tas-CID u ttieħdu wkoll xi miżuri. Jista' jkun ukoll li saret xi *controlled delivery,* għalkemm ma kienx ċert dwar dan, iżda din ma kellhiex suċċess u dan għaliex b'xi mod, għall-inqas kif semgħu wara, l-Ispettur sar jaf b'dak kollu li kien qed jiġi ppreparat fil-konfront tiegħu. Jgħid ukoll illi ma jiftakarx x'kien l-eżitu, iżda f'każijiet bħal dawn kien jinfetaħ *file* mal-*Human Resources* u seta' kien hemm *file* ukoll is-CID kemm il-darba din daħlet fil-każ.[24]

8. **Doris Vella Cassia**, *Customer Care Officer* ġewwa l-isptar Mater Dei xehdet illi attendenzi fil-*polyclinic* u każijiet ta' emerġenza fejn persuna ma tiġix rikoverata l-isptar, ma jkunux fir-rekords mediċi tal-isptar u lanqas ma tinżamm kopja taċ-ċertifikati mediċi li joħorġu mid-Dipartiment tal-Emerġenza. Tgħid illi dawn jintbagħtu l-Posta għax m'hemmx post

[23] Ara din ix-xhieda a fol. 129 sa 160 tal-proċess.
[24] Ara din ix-xhieda a fol. 163 sa 166 tal-proċess.

għalihom. Mir-rekords mediċi tal-imputat, ma rriżultax illi kien hemm xi ħaġa li tirreferi għal Awwissu 2008.[25]

9. **Joseph Buttigieg**, missier l-imputat, xehed illi l-għada, huwa kien irċieva telefonata mill-Pulizija u mar il-Qawra, ħdejn l-Għassa. Hemm ra lill-Ispettur Bond u persuna oħra deħlin ġewwa l-Għassa. Lilu Bond qallu, "*X'int taghmel hawn?*", għal-liema huwa wieġbu illi kien qed jistenna lit-tifel biex jara x'ġara. Bond qallu sabiex jitlaq 'l hemm, iżda meta x-xhud wieġbu li ma kien qed jagħmel xejn, dan qallu sabiex jibqa' hemm u ma jiċċaqlaqx. Ix-xhud baqa' barra l-għassa jistenna. Jgħid illi f'ħin minnhom ra lil ċertu wieħed magħruf bħala l-Kampanjol dieħel ġewwa l-Għassa flimkien mat-tifel tiegħu. Spjega illi lil dan il-Kampanjol kien jafu minn wiċċu u huwa kantant, iżda ma kienx jaf x'jismu, la hu u lanqas it-tifel tiegħu. Qabel daħal, il-Kampanjol qallu "*Issa nirrangaw, dak all right*", madankollu ma qallux għal min kien qiegħed jirreferi. Wara ftit ra lill-Kampanjol u lil ibnu ħerġin mill-Għassa b'xi inkwatri u oġġetti oħra. L-oġġetti poġġewhom ġo karozza li kienet kollha daqqiet u li skont hu, kienet fi stat ta' *total loss*. Fil-frattemp niżel l-imputat.

Dak il-ħin l-imputat qallu li kien qiegħed juġgħu sidru għaliex il-Pulizija kienu sawwtuh. Ma semmielux min kien sawwtu, u reġa' daħal ġewwa l-Għassa. Jgħid ukoll illi ftit tal-ħin wara ħareġ l-Ispettur Bond u qallu "*Nirrangaw issa, nahseb illi inti mhux hazin.*" Meta dan staqsieh għal x'hiex kien qed jirreferi, l-Ispettur staqsieh fejn kien jaħdem, wieġbu li kien jaħdem l-Addolorata u hawn Bond irrimarka illi kellu paga tajba, filwaqt li reġa' qallu li kienu ser jirranġaw xi ħaġa. Staqsih kemm kien jaqla' paga u dan qallu li kien jaqla €700 fix-xahar. L-Ispettur Bond qallu sabiex jistenna barra l-Għassa, filwaqt li hu reġa' daħal ġewwa. Jgħid illi wara ftit niżel l-imputat li staqsa lil missieru jekk kellux €600 fil-but fuqu u dan stante illi l-Ispettur kien talbu €600. Għalhekk huwa qal lil ibnu biex imorru għand il-Kummissarju.

Jgħid ukoll illi dakinhar jew l-għada marru għand il-Kummissarju tal-Pulizija li dak iż-żmien kien is-Sur Rizzo u fissrulu dak illi kien ġara. Jgħid illi sakemm kienu qegħdin jistennew lill-Kummissarju, l-Ispettur Bond ċempel xi erba' darbiet lill-imputat u beda jistaqsih jekk kienx ser imur. Dan kien jafu għaliex qallu t-tifel. Meta tkellmu mal-Kummissarju tal-Pulizija dan qallu li kien ser joħroġ il-flus hu. Jgħid illi damu iżjed minn sagħtejn biex marru l-pulizija mis-CID u illi l-Kummissarju tahom l-istruzzjonijiet dwar x'kellu jsir. Ibnu mar għand l-Ispettur Bond, iżda hu ma marx miegħu. Wara sar jaf li Bond ma talbux flus. Jgħid ukoll illi wara

[25] Ara din ix-xhieda a fol. 167 sa 169 tal-proċess.

din l-operazzjoni, il-Kummissarju wissa lix-xhud sabiex jekk xi darba jiġi mwaqqaf mill-Pulizija jibqa' sejjer u jċempel fuq numru li tah l-istess Kummissarju.

**In kontro-eżami** huwa xehed illi l-uffiċjali preżenti fl-uffiċċju tal-Kummissarju Rizzo kienu mis-CID, iżda ma jafx min kienu. Kienu lebsin pajżana. Spjega illi meta ra lill-Kampanjol barra l-Għassa tal-Qawra, dan il-Kampanjol ma kienx semma l-isem tal-persuna li għaliha rrefera bħala li huwa "*all right*" u li setgħu jirranġaw miegħu.[26]

10. **Alexis Buttigieg**, oħt l-imputat, xehdet illi fil-jum tal-Ħadd ta' erbatax-il sena qabel, hi, l-imputat u l-ħabib tagħhom Clayton marru dawra bil-karozza sa Buġibba, ipparkjaw u ħarġu minnha. Il-karozza kienet ta' ħabib ieħor tagħhom, ċertu Nicky Gauci. Kien qed isuqha Clayton. Meta kienu sejrin lura ddeċidew li jpejjpu sigarett u ħuha poġġa fis-*seat* tax-xufier għaliex is-sigaretti kienu viċin l-*isteering*. X'ħin kienu hemm, waqfet karozza tal-Pulizija u minnha ħarġu żewġ uffiċjali. Saret tfittxija fuq ħuha, lil Clayton telquh u lilha żammewha għax dak il-ħin ma kienx hemm pulizija mara. Tgħid illi hi u ħuha ttieħdu ġewwa l-Għassa tal-Qawra. Lilha ħaduha biex jagħmlulha tfittxija u lil ħuha tellgħuh fuq għand is-Surġent. Kif tlestiet it-tfittxija tagħha, u waqt li kienet għadha ġewwa l-Għassa, minn fuq bdiet tisma' lil ħuha jgħajjtilha u jgħidilha "*qed isawwatni*".[27] Tgħid illi li hi ma rat xejn minn dak li kien qiegħed jiġri għaliex baqgħet isfel fl-Għassa. Hi ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel għax il-pulizija li kellha magħha m'għamlet xejn u baqgħet tistaqsiha l-mistoqsijiet. Ħuha baqa' jgħajjat u jgħidilha illi kien qed imissu u li kien qed jerfa' jdejh fuqu. Tgħid illi wara ftit, niżel ħuha isfel bil-manetti mas-Surġent u qaflu fiċ-ċella. Minn hemmhekk, ħuha wkoll kompla jgħajjat. Tgħid illi hawn hija rat lil ħuha għaddej, iżda wara ftit lilha rrilaxxjawha. Tgħid illi ma tistax tinsa dan l-inċident u lanqas il-kliem li lissen ħuha. Terġa' tikkonferma li sa fejn tiftakar hi dan seħħ xi erbatax-il sena qabel u illi dan kien l-uniku każ li fih huma t-tnejn kienu nvoluti mal-Pulizija.

**In kontro-eżami** hija xehdet illi hija ġiet arrestata ukoll għaliex inzertat kienet mal-imputat u ttieħdet l-Għassa sabiex issir tfittxija fuq il-persuna tagħha. Tgħid illi għalkemm ma rat xejn minn dak illi kien qiegħed jiġri, hija semgħet lil ħuha jgħajjat għall-għajnuna għaliex kien qiegħed jiġi msawwat u kliem fis-sens ta' "*Al, Al, Al qed isawwatni, Al*" u "*Mhux suppost tmissni, hallini".* Tgħid illi hija baqgħet ma telgħetx fuq. Lilha saritilha tfittxija f'kamra fis-sular ta' isfel, fuq in-naħa tax-xellug. Fuq il-lemin kien hemm taraġ li minnu titla' għas-sular ta' fuq. It-taraġ setgħet

[26] Ara din ix-xhieda a fol. 171 sa 185 tal-proċess.
[27] A fol. 188 tal-proċess.

tarah minn fejn kienet qegħda wara li saritilha t-tfittxija u ħarġet mill-kamra. Wara li kienet diġa` semgħet lil ħuha jgħajjat, ittieħdet fl-uffiċċju.[28]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jingħad illi fis-seduta tas-7 ta' April 2017, id-difiża talbet illi l-istqarrija tal-imputat tiġi skartata u sfilzata u dan mhux biss għaliex l-imputat ma ngħatax il-jedd tal-assistenza legali, iżda wkoll għaliex fil-mument li tteħditlu l-istqarrija, huwa ġie aggredit minn uffiċjal tal-Pulizija, tant illi skont l-istess difiża l-istqarrija mjijiex iffirmatha mill-imputat. Għalhekk tkompli d-difiża, l-istqarrija ttieħdet b'mod illegali.

Da parti tagħha, il-Prosekuzzjoni opponiet din it-talba, u wieġbet illi kien jinkombi fuq id-difiża li tressaq il-prova dwar dak minnha allegat.[29]

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-Prosekuzzjoni esebiet żewġ stqarrijiet tal-imputat, ossia waħda meħuda dakinhar stess tal-24 ta' Awwissu 2008 fl-4.00 p.m., li tindika illi l-istqarrija ġiet rilaxxjata minn 'Nicholas Gauci, bin Joseph u Lorenza mwielda Ciantar, imwieled tal-Pieta` fil-15 ta' Settembru 1980, u joqgħod Block 'H', Flat 1, Triq ix-Xewk, Paola, li għandu l-karta ta' identita' 368180(M)' u oħra rrilaxxjata nhar il-31 ta' Awwissu 2008. Iż-żewġ stqarrijiet ittieħdu wara li l-imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. L-imputat għażel li ma jiffirma l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ stqarrijiet.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

[28] Ara a fol. 186 sa 197 tal-proċess.
[29] Ara a fol. 127 tal-proċess.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi**, wara referenza kostituzzjonali ta' din il-Qorti kif preseduta. F'dak il-każ, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa dakinhar stess. Qabel l-interrogatorju tagħha, hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fl-istess stqarrija, l-imputata għamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti. Wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt, il-Qorti Kostituzzjonali ddisponiet mir-referenza bil-mod segwenti:

> "Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet mingħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.
> ...
> Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti

ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu

għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

> "(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment
>
> 150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
>
> (a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
>
> (b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
>
> (c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
>
> (d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
>
> (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
>
> (f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
>
> (g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
>
> (h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali

għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.
>
> 26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...
>
> 27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal

hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ ieħor deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **<u>ta' Beuze v. Belgium</u>**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet <u>Malcolm Said v. Avukat Ġenerali</u>, **<u>illi ma jkunx għaqli</u>** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **<u>illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija</u>** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix li l-

proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.

19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonoxxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **Beuze v. Belgium**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur <u>bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu</u>. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **<u>Farrugia vs. Malta</u>**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello</u>** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> "fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa

rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".

Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

"21. L-istqarrija in kwistjoni m'hijiex l-unika prova għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-

> interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.
>
> Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza

riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma

> tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut**, il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar din il-materja wara li rreferiet fit-tul għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea dwar l-istess:

> "Fil-gurisprudenza ndikata iktar il-fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta' ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni, *stante* li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi ohrajn jtennu illi sempliciment ghax susspettat ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni ma ghandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-'*overall fairness'* ta' l-istess proceduri.
>
> **Din il-Qorti tinnota b' dispjaċir u tenfasizza li certament ma jistax jingħad li hemm certezza legali u cioe' 'legal certainty' dwar din il-kwisjtoni.**" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

B'mod partikolari, il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**, fejn bħal fis-sentenza fil-każ ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf, Josephine Wadi**, tal-istess jum, dik il-Qorti kkonkludiet hekk dwar stqarrijiet rilaxxjati fiż-żmien meta suspettat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu:

> "***23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jisthoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta' l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.***"

Dwar dan il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

> "**Din il-Qorti temfasizza li nonostante l-fatt li l-legislatur ma ghamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi zmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti suspettat, tqis li wiehed ma jistax jistenna li l-legislatur sejjer jindika c-cirkostanzi kollha ta' meta prova ma ghandhiex valur probatorju. Izda d-decizjoni dwar jekk prova ghandhiex valur probatorju ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.**
>
> **Din il-Qorti in oltre' taghmilha cara li ma taqbilx li stqarrija rilaxxata minghajr ma persuna tkun inghatat id-dritt li jkollha Avukat prezenti qabel u waqt it-tehid tal-istqarrija ghandha tibqa' in atti, tiġi murija l-gurati u li jkun fl-indirizz li l-Qorti taghti direzzjoni lil gurati dwar il-valur probatorju taghha. Wiehed ma jistax jinsa' li meta si tratta ta' gurati ta' fatt, ma jistax jinghad li bil-fatt li l-Imhallef ikun ta' direzzjoni sabiex l-istqarrija ma tinghatax valur probatorju sejjer jiġi assigurat li l-gurati mhumiex se jkunu gia influwenzati b'dak imnizzel fl-istqarrija li tkun a disposizzjoni taghhom**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

L-istess Qorti mbagħad irreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-istess jum ossia tas-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat** fuq ċitata, kif ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Alexander Hickey** tal-istess jum, fejn il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni differenti, u fl-aħħar każ iddeċidiet li ma kellux isir użu mill-istqarrijiet tal-imputat minkejja l-fatt li dawn kienu ġew anke ikkonfermati bil-ġurament u kienet ġiet reġistrata ammissjoni fil-mori tal-proċeduri. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar madankollu din il-Qorti tirrileva wkoll illi l-imputat kien għadu minuri meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu u tenut kont ta' ċirkostanzi oħrajn imsemmija fl-istess sentenza, seta' jiġi meqjus bħala persuna vulnerabbli.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali mbagħad irreferiet ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fejn ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari. F'dan il- każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali

partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel. Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;"

F'dan ir-rigward, il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

"Sussegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **'Clive Dimech v. Avukat Generali'** datata is-27 ta' Jannar, 2021 ipprovdiet illi peress li l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogazzjoni, din ma kienitx ser tkun ta' pregudizzju ghall-istess akkuzat. Minkejja dan, **din il-Qorti xorta wahda enfasizzat li jkun floku li fil-proceduri kriminali ma jsirx uzu mill-istqarrija bhala prova**.

L-akkuzat, Clive Dimech, ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu u ghaldaqstant l-istqarrija ma kienitx wahda nkriminanti. Madankollu, il-Qorti xorta wahda pprovdiet illi din m'ghandiex tintuza bhala prova u ghal din ir-raguni din is-sentenza hi ta' sinifikat.

Sal-lum il-gurnata, ghadu mhux stabbilit b'certezza jekk ikunx hemm ksur ta' dritt tas-smiegħ xieraq meta akkuzat kemm qabel kif ukoll matul l-istqarrija ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tal-fiducja tieghu meta l-ligi dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghaldaqstant din l-istqarrija ghandiex tigi sfilzata o meno. Din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tqis jekk hemmx possibilita' ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, izda ghandha tqis biss jekk l-istqarrija hiex inammissibli jew le.

Fis-sentenza ricentissima fl-ismijiet '**Christopher Bartolo vs Avukat ta l-Istat'**[30], Il-Qorti ddecidiet bl-istess mod ta' kif iddecidiet fis-sentenzi **Onuorah Morgan vs Avukat Generali** u **Clive Dimech vs Avukat Generali** indikati supra. Din il-Qorti rreteniet is-segwenti:

*74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina tal-*

[30] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju, 2021.

*provi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole,* ***a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu****.*

Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

> *79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.* ***Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kważi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess****.*
>
> *80. Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li ġew leżi l-artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.*" [enfasi ta' dik il-Qorti]

Il-Qorti Kriminali mbagħad ikkonkludiet hekk fis-sentenza tagħha:

> "**Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-*overall fairness* tal-proceduri.**
>
> B'referenza ghal punti elenkati f'**Beuze** aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Ma jirrizultax illi c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija inghatat volontarjament.
>
> Irid jiġi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali **qabel u waqt** l-interrogazzjoni. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi sucitati fosthom **Borg vs Malta** u **Navone and Others**

**v. Monaco** fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk l-akkuzat/suspettat ma bbenifikax mid-dritt ta' l-assistenza legali minhabba *systematic restriction*, allura jirrizulta ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons*" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti kemm qabel u kemm waqt l-interogazzjoni tieghu u *stante* li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.

Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat Sammut qieghed jaghti rendikont dettaljat, fejn fih qieghed jammetti l-involviment tieghu fir-reati li permezz taghhom qieghed jigi akkuzat. Ghaldaqstant u minghajr ebda dubju, din l-istqarrija thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.

Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[31], liema sentenza ma ġietx appellata mill-Avukat Ġenerali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-*legal certainty,* ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Yousef Essesi**[32] u **Il-Pulzija vs Kevin Tabone**[33] li gew decizi bl-istess mod.

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, **din l-istqarrija hekk rilaxxata fid-9 ta' Settembru, 2009 f' 16.54pm u tinsab a fol 31 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll l-istess stqarrija li giet igguramentata mill-akkuzat nhar 14 ta' Settembru, 2009 quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona u li tinsab a fol. 83 tal-process u kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorji tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-

[31] Deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Frar, 2021.
[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2021.
[33] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2021.

ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq ċitati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrijiet meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li huwa jottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorji tiegħu, bħala prova inammissibbli. Dan naturalment japplika wkoll għal kwalunkwe dikjarazzjoni li għamel l-istess imputat qabel irrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' pussess sempliċi tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*.

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tittenta tqanqal dubju dwar jekk is-sustanza li ġiet esebita in atti u li ġiet eżaminata mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut kinitx l-istess sustanza li ġiet elevata minn fuq il-persuna tal-imputat dakinhar tal-24 ta' Awwissu 2008.

Minkejja dan, il-Qorti tinnota illi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jikkonċedi illi fil-pussess tiegħu, fil-jum in kwistjoni, huwa kellu r-raża tal-*cannabis*.

Il-Qorti tqis għalhekk illi jirriżulta ppruvat illi dakinhar tal-24 ta' Awwissu 2008, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu r-raża tal-*cannabis* fit-termini tal-ewwel imputazzjoni.

Hawnhekk jeħtieġ madankollu illi l-Qorti tqis ukoll id-disposizzjonijiet introdotti riċentement fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. L-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis"

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, li jinstabu fil-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, jew għall-proċeduri hekk imsejjħa amministrattivi quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, u dan għaliex tali pussess illum m'għadux jikkostitwixxi reat.

Stabbilit illi l-imputat kien fil-pussess ta' kwantita` żgħira ta' raża tal-*cannabis*, tant illi skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut din kellha piż ta' 1.71 grammi, il-Qorti tqis illi għandha llum tapplika din il-liġi fil-konfront tal-imputat odjern, liema liġi hija l-iżjed favorevoli għalih, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputat jinsab akkużat illum ma jikkostitwixxix reat, allura huwa ser jiġi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Cassano** tat-28 ta' Settembru 2017, u dan b'referenza għal ċirkostanzi simili fejn id-disposizzjoni tal-liġi li kienet tikkontempla r-reat li bih ġie mixli l-appellant f'dak il-każ, kienet ġiet imħassra:

> "Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> "*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must*

*apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[34]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[35]

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"[36]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

"B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

[34] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[35] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.
[36] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' April 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hany Abdullatif Tawkif Elkhawiny**, għalkemm f'dak il-każ kien hemm tibdil fil-piena kkontemplata fil-liġi wara ż-żmien tar-reat u wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk mhux tibdil fil-liġi li wasslet sabiex att jew ommissjoni ma jibqax jikkostitwixxi reat, bħal fil-każ tal-lum, il-Qorti adottat l-istess posizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Cassano** fuq ċitata u qalet hekk dwar din il-materja:

> "Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.
>
> 21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -
>
>> Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[37]
>
> 22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :
>
>> Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.
>
> 23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.
>
> 24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[38] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-

---

[37] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk:

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **is different** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

[38] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law, Limitations by Time**

quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero:

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of te offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;
> b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> …
>
> The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (*sic*). If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.
>
> Section 28 of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : "pena di qualita' meno grave") shall be applied.
>
> …
>
> The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an

appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such ........penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

… in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-Interpretation Act tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

> **12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
> (a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;
> (b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;
> (ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;
> **(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;
> (e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889."

Hawnhekk il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Anthony Brincat et** tal-4 ta' Lulju 2019, iżda kompliet hekk:

"28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li :

> 3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
> (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-

Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law**: **the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk : -

> 55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106)."

Imbagħad b'referenza għall-każ ta' Cassano fuq ċitat, il-Qorti qalet illi essenzjalment f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet "*l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni*" u kompliet tgħid illi *"Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina …f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017".*

Fil-fatt fl-artikolu tiegħu ntitolat **The More Lenient Criminal Law**[39], il-Professur Aquilina jgħid hekk:

[39] Times of Malta, 27 ta' Frar 2017.

“One of the controversies which have erupted recently in relation to the Media and Defamation Bill is whether the latter is human rights compliant in relation to Article 7 of the European Convention on Human Rights (ECHR) whose marginal note reads “No punishment without law”.

…

The Bill contains a provision which will decriminalise criminal defamatory libel for the future but will retain extant proceedings even after the Bill becomes law. Clause 27(4) states that: “Any criminal proceedings instituted under the repealed Act prior to the coming into force of this Act and which, on the coming into force of this Act, are pending before any court shall continue to be heard and shall be determined by the courts in terms of the repealed Act but the court shall not in awarding any punishment for defamation impose any punishment of imprisonment.”

In other words, from the entry into force of the Bill it would not be possible for the police to institute criminal libel proceedings but, in so far as pending criminal libel proceedings are concerned, these proceedings are saved and can be continued and determined without any difficulty. The question which arises is whether this is lawful under Maltese law and whether it is human rights compliant.

In so far as Maltese law is concerned, the Interpretation Act, enacted in 1975 before Malta incorporated the ECHR into Maltese law through the European Convention Act, states quite clearly that it is possible to adopt the course proposed in the Bill. The Interpretation Act, in article 12, allows Parliament to repeal a criminal offence while saving the operation of that criminal law in relation to pending proceedings. So, to my mind, I see no inconsistency between clause 27(4) of the Bill and article 12 of the Interpretation Act. On the contrary they are in harmony with each other.

The next question which has to be asked is: are article 12 of the Interpretation Act and clause 27(4) of the Bill fully compliant with Article 7 of the ECHR? The answer is in the negative. The European Court of Human Rights (ECtHR) has enunciated in its case law what it refers to as the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. It has explained this principle in the Grand Chamber’s decision of Scoppola v. Italy (No. 2) of September 17, 2009 as follows:

“In the light of the foregoing considerations, the court takes the view that it is necessary to depart from the case law established by the

Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.

“That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant…

“It follows that the applicant was given a heavier sentence than the one prescribed by the law which, of all the laws in force during the period between the commission of the offence and delivery of the final judgment, was most favourable to him... In the light of the foregoing, the court considers that the respondent State failed to discharge its obligation to grant the applicant the benefit of the provision prescribing a more lenient penalty which had come into force after the commission of the offence.”

This was not the only case where the ECtHR applied the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. Other cases followed. Such is the case of Öcalan v. Turkey (No 2) of March 18, 2014 where it held that:

“The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.”

In the Öcalan judgment, the court also referred to another case: “In its decision in the case of Hummatov v. Azerbaijan ([dec.], nos. 9852/03 and 13413/04, May 18, 2006), the court approved the parties’ shared opinion that a life sentence was not a harsher penalty than the death penalty.”

In Ruban v. Ukraine decided on July 12, 2016, the ECtHR held as follows: “Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.”

In Koprivnikar v. Slovenia, Strasbourg explained these words as follows: "In other words, where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of an offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (see Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], no. 10249/03, § 109, September 17, 2009)."

In its judgment in the case of Gouarré Patte v. Andorra the court extended the guarantees of Article 7 concerning the retrospectiveness of the more lenient criminal law to the possibility of retrospective revision of the final sentence if domestic law provided for such a possibility (see Gouarré Patte v. Andorra, no. 33427/10, §§ 33 to 36, January 12, 2016).

By applying the above case law to the Bill, the situation is that under the Bill no punishment will be meted out for criminal libel on its entry into force once this offence is being decriminalised but under the Press Act which will be repealed by the Bill, the punishment is that of a fine. Needless to say, the most lenient of both provisions is the one which imposes no punishment not the one which imposes a fine.

Therefore clause 27(4) of the Bill is not in conformity with Article 7 of the ECHR. On the contrary, it is in breach of human rights. Yet, as the Bill has not been enacted into law, there is still time for government to salvage this situation provided that it understands that there is a problem here which needs addressing."

Fis-sentenza tagħha, imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk fil-każ ta' **Elkhawiny**:

"34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli**."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja**[40] fejn kien gie ritenut b'referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b'dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi w fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tqis illi ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar fatt li llum m'għadux jikkostitwixxi reat.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, u dan fis-sens illi waqt li kien ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, huwa attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra PS 419 Anton Buttigieg u membri oħra tal-Korp tal-Pulizija.

Kif jirriżulta mill-atti proċesswali, l-inċident mertu ta' din l-imputazzjoni seħħ ġewwa l-għassa tal-Qawra. L-uniku uffiċjal tal-Pulizija li xehed f'dawn il-proċeduri, u li kien involut direttament f'dak li huwa relevanti għal din l-imputazzjoni, kien PS 419 Anton Buttigieg. Skont dan ix-xhud, wara li l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Bond u waqt li kien nieżel bih sabiex jieħdu fiċ-ċella tal-Għassa, l-istess imputat beda jallega li kien ġie msawwat u qallu illi ried iċempel lil missieru u lill-avukat. Jgħid ukoll illi hekk kif huwa nforma lill-imputat li ma setax jagħmel dan, iżda li kienu se jinfurmaw lil missieru li kien taħt arrest, dan beda jipprova jaħrab mill-għassa u skont hu, kellu jissara ftit miegħu sabiex iżommu, sakemm irnexxielu jdaħħlu fiċ-ċella. La darba fiċ-ċella, l-imputat beda jallega li kien ġie msawwat u għalhekk l-Ispettur Bond ordna li l-imputat jittieħed il-poliklinika sabiex jiġi eżaminat minn tabib, li ċċertifika li l-istess imputat kellu ħmura u xi feriti superfiċjali f'għonqu. Skont ix-xhud, dan seħħ meta huwa kien qed jissara mal-imputat.

Da parti tiegħu, l-ex Spettur Bond jgħid illi wara li kien diġa` interroga lill-imputat, huwa sema' ħafna għajjat fl-għassa, niżel u sema' lill-imputat jidgħi

[40] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

b'Alla u bil-Madonna. Dan qallu li PS 419 Anton Buttigieg kien sawwtu. Huwa staqsa lil PS 419 kienx sawwtu, iżda dan ċaħad u qallu li hu kien żamm lill-imputat minn għonqu għaliex prova jaħrab. Huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi eżaminat minn tabib u rriżulta li dan kien ġarrab ġrieħi ħfief f'għonqu. Jinnega li l-imputat ġie msawwat fl-uffiċju tiegħu u jgħid illi meta huwa kellem lil PS 419 dwar l-allegat swat, dan qallu li l-imputat prova jaħrab miċ-ċella, prova jaqbeż il-bank u hu żammu minn għonqu.

Mir-rapport dwar dan il-każ, esebit kemm minn PS 419 Anton Buttigieg, kif ukoll mill-ex Spettur Bond, jirriżulta illi meta l-imputat ġie nfurmat illi kien qed jagħti dettalji foloz, huwa beda jidgħi u ma waqafx minkejja illi l-Ispettur Bond qallu sabiex jieqaf jagħmel dan u minkejja wkoll illi PS 419 ipprova jikkalmah. L-Ispettur Bond ordna li l-imputat jittieħed fiċ-ċella, u hekk kif dan kien qed jitniżżel fiċ-ċella, u ġie nfurmat li ma setax iċempel lil missieru u lill-avukat, reġa' beda jidgħi u ried jaqbeż wara l-bank tal-*orderly*. Skont l-istess rapport, meta ġie ordnat sabiex jidħol fid-direzzjoni taċ-ċella, huwa ta s-salt biex jaħrab jiġri, iżda PS 419 minnufih qabdu mill-flokk u daħħlu fiċ-ċella. La darba fiċ-ċella, dan beda jsabbat fuq il-bieb taċ-ċella u wara beda jallega li ġie msawwat, f'liema punt ittieħed ġewwa l-poliklinika tal-Mosta.

Da parti tiegħu, l-imputat jagħti verżjoni differenti. Skont hu, waqt li kien fl-uffiċċju tal-Ispettur Bond mal-istess Spettur u ma' PS 419, kellu xi jgħid mas-Surġent, li beda jgħajjat miegħu f'wiċċu u girfu b'subgħajh fi mnieħru. Jgħid illi "*U jien nehhejtlu idejh u tghidx kemm taghni dan. Qabadni minn sidri hekk u beda jigrifni hekk u jaghtini b'hawn bil-minkeb u jsabbatni ma kull hajt li kien hemm*".[41] Jgħid illi dan ħarġu mill-kamra tal-Ispettur, kien hemm taraġ li jagħti għal isfel, u huwa beda jirreżisti għax ma kienx jaf x'kienet l-intenzjoni tas-Surġent. L-Ispettur għalaq il-bieb tal-uffiċju tiegħu u hu iżjed inkwieta. Oħtu sadanittant kienet qed tgħajjat għax bdiet tisma' kollox, u ma ħallewhiex tarah, u żammewha. Jgħid illi dak il-ħin ġietu saħħa barranija, imbotta lis-Surġent Buttigieg u mar jiftaħ il-bieb tal-uffiċju tal-Ispettur Bond u staqsieh jekk hux diġa` kien ħasel idejh minnu. Sadanittant reġa ġie lura s-Surġent Buttiġieġ, li qabdu bis-saħħa u niżżlu ġewwa l-*lock up*. Minn hawn u minn hemm daħħlu fiċ-ċella, u hu baqa' jitlob għall-Ispettur sabiex iġibulu tabib għax kellu ħmura fuq sidru, grif u anke daqqiet. L-Ispettur mar ikellmu fiċ-ċella, qallu li kellu sidru aħmar u l-imputat imbagħad ittieħed il-*polyclinic* tal-Furjana, u t-tabib għamillu ċertifikat li qatt ma ngħata kopja tiegħu.

Fix-xhieda tagħha, oħtu tgħid illi semgħet lil ħuha jgħajjtilha isimha minn fuq u jgħid illi kien qed jiġi msawwat, sakemm imbagħad ratu jiddaħħal fiċ-ċella.

[41] A fol. 133 tal-proċess.

Il-Qorti tinnota illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax illi kien hemm xi att ieħor ta' reżistenza mill-imputat, ħlief dak konness ma' PS 419 Anton Buttigieg.

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' April 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clayton Baldacchino**, huma tliet elementi essenzjali li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9:

> "1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.
>
> 2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".
>
> 3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."

Dan l-artikolu tal-liġi jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "bi vjolenza jew b'ħebb". Kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

> "Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb."

F'dan l-istadju issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jerken Decelis** mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar it-22 ta' Novembru 2013:

> "L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Giljan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.
>
> L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonche aggressiv."

Imbagħad fl-istess sentenza ġie ritenut ukoll illi:

> "Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-Pulizija vs John Mallia" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960:-
>
> Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest. Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-Pulizija ghax kien spint mix-xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xhieda tal-Pulizija li kienu qeghdin jezegwixxu l-manuvra tal-arrest jirrizulta li l-imputat ma hebbx ghalihom; u ghalhekk din il-Qorti ma thosshiex moralment konvinta li bl-agir tieghu l-imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija li kienu qeghdin izommuh biex joffendihom fuq il-persuna taghhom."

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-kunflitt fil-verżjonijiet li ngħataw mix-xhieda f'dawn il-proċeduri dwar dak li seħħ b'relevanza għal din l-imputazzjoni u prinċipalment bejn il-verżjoni ta' PS 419 min-naħa l-waħda u l-verżjoni tal-imputat min-naħa l-oħra.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm PS 419 Anton Buttigieg xehed u anke niżżel fir-rapport tiegħu, illi dan kollu seħħ fil-preżenza tal-Ispettur Therese Sciberras, din baqgħet ma xehditx f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi f'dan il-każ, l-imputat ressaq allegazzjonijiet serjissimi fil-konfront tal-Ispettur Bond, kif ukoll fil-konfront ta' PS 419 Anton Buttigieg. Filwaqt illi jallega illi PS 419 sawwtu fil-presenza tal-Ispettur Bond u li dan tal-aħħar injora dan il-komportament tal-istess Surġent, huwa allega wkoll il-korruzzjoni fil-konfront tal-Ispettur Bond.

Il-Qorti tqis illi minkejja li l-imputat jallega li ġie msawwat minn PS 419 bil-mod deskritt minnu fix-xhieda tiegħu u minkejja li jgħid ukoll illi wara li ġie rilaxxjat mill-Pulizija huwa ottjena żewġ ċertifikati mediċi dwar il-ġrieħi li sofra, dawn huwa baqa' ma esebihomx għax jgħid li tilifhom u l-unika ċertifikat mediku, esebit mill-Ispettur Bond, jirreferi għall-ħmura u erba' feriti superfiċjali fuq għonq l-imputat. Dan iċ-ċertifikat inħareġ wara li allegatament, l-imputat diġa` kien ġie msawwat minn PS 419. M'hemmx dubbju illi dan iċ-ċertifikat mhuwiex kompatibbli mas-swat kollu li l-imputat jallega li rċieva da parti tas-Surġent, iżda mill-banda l-oħra, huwa iżjed kompatibbli ma' dak li jgħid PS 419 fir-rapport tiegħu, meta jgħid illi huwa rnexxielu jaqbad lill-imputat mill-flokk u baqa' dieħel bih ġewwa ċ-ċella.

F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi filwaqt illi fir-rapport tiegħu, miktub minnu *a tempo vergine,* PS 419 jgħid illi hekk kif l-imputat ġie ordnat sabiex jidħol fid-direzzjoni taċ-ċella, huwa ta s-salt biex jaħrab jiġri iżda <u>minnufih</u>, huwa rnexxielu jaqbad lill-istess imputat mill-flokk u baqa' dieħel bih ġewwa ċ-ċella, mill-banda l-oħra fix-xhieda tiegħu, huwa jagħti l-impressjoni li kellu jissara mal-imputat sakemm finalment irnexxielu jdaħħlu fiċ-ċella. Effettivament, kemm jekk wieħed joqgħod fuq il-verżjoni mogħtija fir-rapport, kif ukoll jekk joqgħod fuq ix-xhieda ta' PS 419, ma jirriżultax illi f'xi waqt l-imputat eżerċita l-vjolenza jew illi ħebb għall-istess Surġent filwaqt li rreżista li jidħol fiċ-ċella. Imbagħad meta l-Qorti tqis dak rapportat oriġinarjament minn PS 419, dak li jirriżulta huwa illi l-imputat ipprova jitlaq jiġri sabiex ma jiddaħħalx fiċ-ċella, iżda ma jirriżultax illi r-reżistenza tiegħu marret oltre dan. Fiċ-ċirkostanzi, u kif ingħad fis-sentenza fuq ċitata <u>**Il-Pulizija vs John Mallia**</u>, il-Qorti mhijiex moralment konvinta illi "*bl-agir tieghu l-imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija*", f'dan il-każ, fuq PS 419, sabiex joffendih fuq il-persuna tiegħu. Lanqas ma jirriżulta mir-rapport imsemmi illi l-att tal-imputat kien tali li kien tendenti fis-sens illi kellu l-potenzjalita` li jikkaġuna ħsara lil PS 419, u dan fit-termini tas-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Stephen Borg**</u>, fuq ċitata.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bi tliet reati separati ossia i) illi pprova jaħrab minn taħt il-kustodja tal-Pulizija waqt li kien taħt arrest ġewwa l-Għassa tal-Qawra, ii) talli qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa u iii) talli m'obdiex l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Pulizija Eżekuttiva.

In kwantu l-ewwel parti ta' din l-imputazzjoni, li tikkontempla r-reat taħt l-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, tenut kont ukoll tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, il-Qorti hija tal-fehma illi minkejja li f'punt minnhom l-imputat irreżista li jiddaħħal fiċ-ċella u dan skont ir-rapport ta' PS 419, billi ta s-salt biex jiġri meta l-istess Surġent ordnalu biex jidħol fid-direzzjoni tal-istess ċella, ma tqisx li ġew ippruvati l-elementi ta' dan ir-reat jew tat-tentattiv tiegħu fis-sens illi huwa pprova jaħrab minn lok maħtur għall-kustodja tiegħu, jew inkella fit-termini tal-imputazzjoni kif dedotta, illi pprova jaħrab mill-kustodja tal-Pulizija.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi din il-parti tat-tielet imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

In kwantu t-tieni u tielet partijiet ta' din l-imputazzjoni jirreferu għall-kontravvenzjonijiet ikkontemplati fl-Artikoli 338(bb) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni dwarhom hija preskrivibbli bi żmien tliet xhur u dan ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi dawn il-kontravvenzjonijiet, kif dedotti, jirreferu għall-24 ta' Awwissu 2008, u illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-Ispettur Paul Bond fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 2009, meta allura diġa` kienu skadew it-tliet xhur preskrittivi tal-azzjoni dwar l-imsemmija kontravvenzjonijiet. Ifisser għalhekk, la darba l-azzjoni dwarhom kienet preskritta, illi l-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar ir-reati kkontemplati fl-Artikoli 338(bb) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

L-istess irid jingħad fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ossia dik li permezz tagħha l-imputat jinsab akkużat bil-kontravvenzjoni kkontemplata fl-Artikolu 338(g) tal-Kodiċi Kriminali. Anke f'dan ir-rigward japplikaw il-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti iżjed 'il fuq b'referenza għall-kontravvenzjonijiet ikkontemplati fit-tielet imputazzjoni, li jfisser għalhekk la darba anke din l-imputazzjoni tirreferi għall-istess jum tal-24 ta' Awwissu 2008

u la darba kif ingħad, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 2009, illi l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali.

**<u>Il-Ħames Imputazzjoni</u>**

Permezz tal-ħames imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli fl-istess jum, wara nofsinhar, waqt li kien fl-akkwati ta' San Pawl il-Baħar u Buġibba, huwa saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 038 ta' għamla Renault Megane mingħajr liċenzja tas-sewqan, u mingħajr polza ta' assikurazzjoni dwar terzi persuni.

L-imputat jittenta jxejjen din l-akkuża billi jixhed illi fil-jum in kwistjoni, ma kienx hu li kien qed isuq il-vettura, iżda l-ħabib tiegħu, Clayton Cachia, kif ukoll illi f'xi ħin huma waqqfu ġewwa Buġibba u niżlu mill-vettura, b'dan illi meta ġew biex jerġgħu jirkbu fiha, huwa qgħad fin-naħa tax-xufier sabiex irembel *joint* u dan skont hu, għax l-affarijiet li kellu bżonn għal dan il-għan kienu fuq dik in-naħa tal-vettura. Skont din il-verżjoni tal-imputat – u anke dik ta' oħtu, li hija identika għal tiegħu – il-vettura kienet wieqfa x'ħin waslu l-pulizija fuq il-post u għalhekk, minkejja li kien fuq in-naħa tax-xufier, huwa fl-ebda waqt ma saq il-vettura. Jgħid in oltre illi lill-Pulizija qalilhom li kien qed isuq hu biex ma jġibx lil sieħbu fl-inkwiet u in oltre sabiex ma jkollux inkwiet ma' Nicholas Gauci, sid l-istess vettura.

Il-Qorti tinnota illi din il-verżjoni dwar il-fatti kif allegatament seħħew tissemma' għall-ewwel darba meta xehed l-imputat f'dawn il-proċeduri. Fil-mori tal-proċeduri, xehdu wkoll l-Uffiċċjali tal-Pulizija li waqqfu l-vettura in kwistjoni, u minkejja illi l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnhom kienet xort'oħra, id-difiża għażlet li ma tagħmlilhom l-ebda kontro-eżami. Kuntrarjament għal dak li xehdu l-imputat u oħtu, mill-banda l-oħra, PC 442 Gary Scerri xehed illi "*ahna ghamilna sinjal lix-xufier <u>sabiex jieqaf u waqfu</u>*" (enfasi tal-Qorti). Din ix-xhieda hija kkorroborata mix-xhieda ta' PC 1256 Simon Schembri li jgħid illi "*rajna vettura Renault Megane bin-numru AAF 038 li kienet fi stat hazin u <u>konna qed insuqu warajha</u> ahna. Iddecidejna li <u>nwaqqfuha</u>*" (enfasi miżjuda). Fid-dawl ta' din ix-xhieda, il-Qorti m'għandhiex dubju illi fil-fatt il-vettura ma kinitx wieqfa, kif jgħidu l-imputat u oħtu, iżda fil-fatt ġiet imwaqqfa miż-żewġ Uffiċjali tal-Pulizija, waqt li din kienet fit-triq.

Dwar il-kwistjoni ta' min kien qed isuq il-vettura, imbagħad, l-imputat u oħtu jixhdu li din kienet qed tinstaq minn Clayton Cachia, iżda fl-istess waqt kemm l-imputat, kif ukoll oħtu jgħidu wkoll illi dan ġie rilaxxjat minnufih mill-Pulizija u dan stante skont l-imputat, li huwa qalilhom li kien hu li qed isuq il-vettura u dan filwaqt illi kif ingħad, kemm hu, kif ukoll oħtu jgħidu illi l-vettura dak il-ħin

kienet wieqfa. Stabbilit illi mhuwiex minnu illi li l-vettura kienet wieqfa, iżda kienet qegħda tinstaq fit-triq meta twaqqfet mill-Pulizija, u stabbilit ukoll illi fuq il-post, l-istess Pulizija diġa` kienu vverifikaw illi l-vettura la kellha liċenzja valida u lanqas polza ta' assikurazzjoni dwar terzi, huwa evidenti illi l-Pulizija ma kienux ser jirrilaxxjaw lil Clayton Cachia dak il-ħin stess, li kieku stabbilew li kien huwa x-xufier tal-vettura u għamlu dan għaliex kien proprju l-imputat li kien qed isuq l-istess vettura dak il-ħin. Effettivament, l-imputat stess jammetti li huwa kien fuq in-naħa tax-xufier meta waslu l-Pulizija. In oltre, fil-waqt illi l-Qorti tirrileva illi huwa minnu illi x-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija setgħet kienet iżjed skjetta dwar dan il-punt, PC 1256 jgħid illi huwa talab lix-xufier sabiex jinżel mill-vettura u ddeċieda li jagħmillu tfittxija. Hawnhekk ma jgħidx liema mill-ġuvintur kien ix-xufier, iżda iżjed tard mistoqsi jekk l-imputat ikkoperax magħhom, huwa jgħid b'referenza għall-istess imputat, illi "*l-affarijiet li bdejt nghidlu jiena biex jaghmel kollha ghamilhom*" – meta iżjed kmieni fix-xhieda tiegħu jgħid ukoll illi huwa talab lix-xufier sabiex jiftaħ il-*luggage booth* – u jżid jgħid illi "*Kif waqqafnieh waqaf*". Fil-fehma tal-Qorti għalhekk huwa evidenti illi PC 1256 hawnhekk kien qed jirreferi għax-xufier u per konsegwenza għall-imputat u mhux għaż-żewġ żgħażagħ l-oħra fil-vettura, li ma setgħux ikunu huma li jieqfu la darba ma kinux huma li kienu qed isuqu l-vettura.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet għalhekk, il-Qorti ma tistax ħlief tqis illi l-verżjoni tal-imputat u ta' oħtu m'għandhiex mis-sewwa u illi din ma kinitx għajr tentattiv fjakk da parti tagħhom sabiex l-imputat jiġi skolpat minn din l-imputazzjoni.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport illi l-liċenzja tas-sewqan inħarġet lill-imputat fid-29 ta' Diċembru 2008, li jfisser għalhekk illi l-imputat ma kellux liċenzja sabiex isuq fil-jum in kwistjoni.

Fir-rigward tal-polza tal-assikurazzjoni dwar terzi persuni fuq il-vettura AAF 038, li kienet qed tinstaq dakinhar mill-istess imputat, jirriżulta mix-xhieda u mid-dokumenti tar-rappreżentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport illi l-liċenzja tal-istess vettura skadiet fil-31 ta' Jannar 2007 u illi din baqgħet ma ġietx imġedda.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Mangion** deċiża fit-23 ta' Frar 2010, fejn ingħad hekk:

"Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:-

*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din il-Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

"**Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment**:-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

Kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:* ***Philcox vs. Carberry*** *{1960} Crim. L.R. 563, D.C."*

**Illi umbaghad hemm l-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3(1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li**:-

*"jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kemm il-darba min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."*

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Charles Galea**" [7.5.2007] din il-Qorti kienet irrikonciljat id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1) mal-artikolu 10 tal-Kap.104 billi ghamlet distinzjoni bejn kazijiet fejn ikun irrizulta li l-vettura kienet licenzjata ghat-triq u fejn ma tkunx. Hemm gie ritenut li:-

*"**Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).***

***Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.***"

F'dan il-każ l-imputat ma setax iressaq prova li kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni għaliex qatt ma setgħet tinħareġ favur tiegħu tali polza *una volta* li huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan. Dan oltre illi lanqas il-vettura ma kienet liċenzjata.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

L-imputat jinsab akkużat ukoll talli fl-istess jum waqt illi kien fl-Għassa tal-Qawra, huwa akkuża lil PS 419 Anton Buttigieg, quddiem awtorita` kompetenti, b'reat meta kien jaf li l-istess Surġent kien innoċenti. Din l-imputazzjoni tikkontempla r-reat taħt l-Artikolu 101 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid hekk:

> Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> (a) il-piena ta' priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn;
>
> (b) il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa disa' xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena mhux akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, iżda li ma jaqax taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet;
>
> (ċ) il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' kull reat ieħor."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Settembru 2010, ingħad hekk dwar dan ir-reat:

**“L-artikolu 101 tal-Kapitolu 9** jitkellem dwar i**l-kalunja jew il-falza akkuza.**

Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija imsejha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: **“such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority.”**

Ghandu jinghad illi mid-dicitura tal-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b’dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta’ Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

**“Biex ikun hemm ir-reat ta’ falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali.”**

Ukoll f’sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: **“L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita’ li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.”**

Fl-ahharnett f’sentenza ohra tal-Qorti ta’l-Appelli Kriminali gie deciz: **“Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta’ kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b’reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta’ dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.” (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001).**”

L-imputat qed jiġi akkużat b’dan ir-reat stante illi ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra u fil-presenza tal-Ispettur Bond, huwa allega illi PS 419 Anthony Buttigieg

kien sawtu. Fir-rigward il-Qorti tqis illi kif jammetti l-istess PS 419 fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa kien verament uża l-forza fuq l-imputat sabiex finalment dan jiddaħħal fiċ-ċella ġewwa l-istess għassa u illi għalkemm fil-fehma tal-Qorti m'hemmx prova li tikkorrobora l-verżjoni tal-imputat kif mogħtija fix-xhieda tiegħu fis-sens illi huwa ġie msawwat mill-istess PS 419, madankollu, kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku esebit, l-imputat verament kien sofra ġrieħi ħfief b'riżultat tal-forza li uża fuqu PS 419 sabiex huwa jidħol fiċ-ċella.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Reċidiva</u>**

L-imputat ingħata wkoll l-addebitu tar-reċidiva. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza datata 27 ta' Ġunju 2003, fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Yvette Farrugia) vs Duane Carabott u Etienne Buttigieg**[42], mil-liema jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-każ huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern, kif ukoll illi din hija riflessa fil-fedina penali tal-imputat[43], liema fedina penali għalkemm bħas-sentenza esebita, ma tindikax in-numru tal-karta tal-identita` tal-istess imputat, madankollu, tindika preċiżament il-konnotati kollha tal-imputat kif indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna. Għaldaqstant, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz tal-istess sentenza, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Christopher Agius</u>**, fejn l-appellat f'dak il-każ ammetta *inter alia* l-addebitu tar-reċidiva u dan fir-rigward ta' sentenza li permezz tagħha, huwa kien tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba l-każ ma kienx jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446:

> "id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-proċeduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati … li permezz tagħha huwa tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin, ma setgħet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva".

[42] Ara s-sentenza esebita bħala 'Dok. PB4' a fol. 81 u 82 tal-proċess.
[43] Ara a fol. 87 sa 88A tal-proċess.

Issa l-Artikolu 25 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk fis-sub-artikolu (1):

> "25.(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra –
>
> (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u
>
> (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:
>
> Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija."

Jirriżulta fl-ewwel lok, illi għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' sentenza oħra illi minnha jidher li l-imputat sussegwentement reġa' tressaq talli kkommetta reat ieħor waqt il-perjodu ta' din il-liberazzjoni kundizzjonata, biss din is-sentenza hekk esebita hija biss kopja informali u mhux vera kopja tas-sentenza mogħtija. Fit-tieni lok, fi kwalunkwe każ, l-imputat kellu biss sittax-il sena meta ngħatat is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2003 fil-konfront tiegħu, li jfisser għalhekk illi l-proviso tal-Artikolu 25(1), fuq ċitat, ma jsibx applikazzjoni fil-każ odjern. Għaldaqstant, dak li tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq ċitata fir-rigward ta' sentenza li permezz tagħha l-appellat f'dak il-każ tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation*, u la darba lanqas dan il-każ ma' jaqa' taħt dak prevvist fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446, japplika bl-istess mod għall-każ odjern, fejn l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata. Dan ifisser illi l-imputat ma jistax jitqiex bħala reċidiv a bażi tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2003.

Il-Prosekuzzjoni mbagħad esebiet kopja ta' sentenza oħra datata 23 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) vs Etienne Buttigieg u Aaron

Steven Edward Ritchie'[44], mil-liema wkoll jirriżulta illi din ingħatat fil-konfront tal-imputat odjern. Madankollu, kif ingħad din hija biss kopja informali ta' sentenza u għaldaqstant ma tagħmilx il-prova li trid il-liġi.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>** tal-10 ta' Settembru 2004:

> "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir <u>permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti</u> kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Jannar 2014[45], mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati, fosthom serq aggravat (f'iżjed minn okkażjoni waħda), ħsara volontarja, pussess tad-droga (f'iżjed minn okkażjoni waħda) u riċettazzjoni, b'dan illi l-aħħar reat li dwaru nstab ħati l-imputat (pussess ta' droga) jirrisali għas-sena 2008.

Tqis ukoll illi dan il-każ imur lura għas-sena 2008 u li d-dewmien fil-proċeduri ma kienx attribwibbli biss lill-imputat.

Tqis in oltre in-natura tal-imputazzjoni li dwarha qed jinstab ħati l-imputat u illi għandha teroga dik il-piena kif fis-seħħ fiż-żmien tal-każ odjern.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 3(1) u 3(2)(a) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Etienne Buttigieg** mhux

[44] Ara s-sentenza esebita bħala 'Dok. PB5' a fol. 83 sa 85 tal-proċess.
[45] Għalkemm fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019, il-Qorti ordnat li tiġi eżebita fedina penali aġġornata tal-imputat, din baqgħet ma ġietx ippreżentata.

ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tas-sitt imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-ħames imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500).

Ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. PB, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat